# Raġġi

Stephen Lughermo

Ġiet fuqu bħal raġġ ta' xemx bejn il-purtieri. Ħassha taħraq fi xrara ta' kitba li laqtitu u ħallietu jhewden. Ma kinitx l-ewwel darba. Imma dakinhar ma setax joqgħod lura. It-talent ibaqbaq tista' twarrbu jew tipposponih iżda ma tistax twaqqfu.

"Ġieli ktibt?" staqsieha.

Ħarset lejh skantata. Kienet ħarset. Mhux soltu. L-ewwel merżuq xemx jiżbokka minn bejn dak ix-xagħar li donnu qatt mhu f'postu, imperfett fis-sbuħija tiegħu. L-għajnejn kienu għadhom mistħija imma fihom qara dija leqqiena li qatt ma kien lemaħ.

"Le… jew insomma… xi ħaġa għalija biss," ammettiet, bilkemm tinstema'.

"Mela ara li tibda tikteb." Issa għajnejh kienu fuq tagħha, ifittxu r-raġġi rqaq li kienu kebbsuh sa mill-bidu.

"Taħseb? Forsi nipprova, mela…"

Għal xi jiem ix-xemx għebet. Is-sħab kattiv firex djulu u tefa kull xrara. Imbagħad sebaħ jum ġdid. Ir-riħ ma kienx għadu warrab għalkollox u l-purtiera tperper wasslitlu raġġ ieħor.

"Għamilt din. Ara x'taħseb…"

Buffura riħ. Raġġ ieħor. Aqwa minn ta' qablu. U d-dija għammxitu. Issa kien

ċert. Ried jara aktar u aktar. Wara dik it-tbissima sempliċi, wara dawk l-għajnejn mhux iktar mistħija, kien hemm moħbi vulkan ta' esperjenzi, ibaqbqu biex joħorġu u jitpoġġew fuq karta.

"Forsi tista' tirranġaha hekk. Min jaf li kieku tfittex fuq din? Jew jekk taqra dwar din it-teknika?"

Ftit ftit beda jħassar id-dell tas-sħab, iwarrab l-ilwien inkejjużi tal-purtiera u jiftaħ għajnejh. Ir-raġġi ma baqgħux tubi rqaq li jixegħlu tikek ċkejkna mal-ħitan. Issa l-kamra kollha kienet iddawlet b'ideat, emozzjonijiet, tixbihat u metafori ħierġa minn qalb li ħasset ħafna.

U minn wara dak ix-xagħar li donnu qatt ma jrid joqgħod f'postu tfaċċaw dawk l-għajnejn leqqiena jħarsu f'għajnejh bħal qatt qabel, ikellmuh waħedhom u jimlew il-vojt ta' bejn il-linji.